

Brussell, 7 ta' Diċembru 2023
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0081(COD)

16056/23
ADD 3

COMPET 1183
IND 632
MI 1053
BETREG 38
DIGIT 284
ECOFIN 1293
EDUC 467
ENER 645
POLCOM 298
RECH 531
CODEC 2291

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15440/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	7613/23 + 7613/23 ADD1
Suġġett:	Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti) - <i>Approċċ ġenerali</i> - <i>Dikjarazzjoni ta' Protokoll mill-Awstrija</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni ta' protokoll mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività fis-7 ta' Diċembru 2023

Dikjarazzjoni għall-minuti mill-Awstrija**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti - Approċċ Ġenerali****Kunsill Kompetittività (Suq Intern u Industrija) | 7 ta' Diċembru 2023**

L-Awstrija tqis l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti bħala stadju importanti essenzjali biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, tissaħħaħ il-kompetittività u jintlaħaq l-għan komuni Ewropew tan-newtralità klimatika. Aħna nappoġġaw l-oġġettiv ta' din il-proposta għal Regolament, li huwa li jaċċellera l-iżvilupp u l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-enerġija rinnovabbli fl-UE.

Madankollu l-Awstrija la tista' u lanqas ma hi ser tappoġġa trasformazzjoni li hija bbażata fuq teknoloġija nukleari, u li barra minn hekk tippromoviha dejjem aktar u tqisha bħala teknoloġija tal-futur. It-teknoloġija nukleari la hi sostenibbli, la kosteffettiva u lanqas sigura. Fi kwalunkwe każ, għall-Awstrija t-teknoloġiji nukleari mniżżla fl-Artikoli 3a u 3b mhumiex teknoloġiji li ser ikunu utli għat-tranżizzjoni ekoloġika. Għaldaqstant l-Awstrija jiddispijaċiha ferm li t-teknoloġija nukleari ġiet inkluża u nġhatat status ekwivalenti fl-abbozz ta' Approċċ ġenerali dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti (l-Artikoli 3a u 3b) u tittama li dan jinbidel fin-negożjati mal-Parlament.

Fir-rigward tal-Kapitolu III dwar il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂, l-Awstrija tinnota li projbizzjoni nazzjonali dwar il-ħżin tas-CO₂ (l-Att Federali dwar il-Projbizzjoni tal-Ĥżin Ġeoloġiku tad-Diossidu tal-Karbonju) hija attwalment fis-seħħ, u qiegħda tiġi evalwata. F'dan il-kuntest, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE fl-Awstrija. Fi kwalunkwe każ, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet u l-oġġettivi stabbiliti fil-Kapitolu III ma għandhomx jirriżultaw fi żvantaġġ kompetittiv għal impriżi f'dawk l-Istati Membri fejn il-liġi li tipprojbixxi l-ħżin tas-CO₂ hija fis-seħħ. Aħna wkoll favur li l-eliġibbiltà fir-rigward tal-obbligu dwar il-ħżin tas-CO₂ tkun estiża reġjonalment għaż-żona taż-ŻEE.